MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru. 226/2003

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MALLIA
VS
CARMELO CIANTAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Ciantar ta’ 43 sena, bin il-mejtn Carmelo u Rose nee Sladden, imwieled Rahat Gdid fit-28 ta’ Mejju 1959, u li joqghod fil-fond Block 2, Door A, Flat 8, Triq ir-Rammija, Siggiewi detentur tal-karta tal-identita bin-numru 353059M talli f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:
Talli fl-20 ta’ Frar 2003 u fix-xhur ta’ qabel, f’Birkirkara u f’inhawi differenti f’dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta’ taghrif falz

billi wahhal sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni foloz (KAL 421) fuq vettura tal-marka Skoda numru tar-registrazzjoni KAD 056 ai termini tal-artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni KAL 421 fuq vettura tal-ghamla Skoda, ai termini tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess zmien, u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni falz KAL 421 meta din ma kenitx registrata mal-Kummissarju tal-pulizija u ma kenitx koperta b’licenzja jew polza ta’ l-assikurazzjoni, ai termini tal-Artikoli 17,18 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (AL 128/1994) tal-kap 65 tal-Ligjjiet ta’ Malta.

Talli naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummisarrju tal-pulizija dwar ix-xiri ta’ vettura tal-marka Skoda bin-numru ta-registrazzjoni KAD 056 ai termini tal-artikolu 26 tar-Regolamenti tat-Traffiku (AL 128/1994) tal-kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 188 u 189 tal-kap 9, Art 17, 18, 26, 31 tar-regolamenti tat-traffiku, AL 128/1994

taht il-kap 65, Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

In oltre il-Qorti tkun tista tordna ir-rilaxx tal-vettura meta jigu imhallsa il-licenzji u c-citazzjonijiet pendenti fuqha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------